**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru: 200/2022**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Lydon Zammit]**
**[Spettur Stephen Gulia]**
**[Spettur Kurt Farrugia]**

**Vs**

**-omissis-**
**-omissis-**
**Josephine Alsulayman**

**Illum, 11 t'Awwissu 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

“**-omissis-**;

**-omissis-;**

**Josephine Alsulayman**, detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 361075M.

1. Talli nhar is-17 t’April 2022 minn ġewwa sit ta’ kostruzzjoni li jinsab sitwat ġewwa Triq il-Kapuċċini, Kalkara ikkommetta serq ta’ oġġetti, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa’ u għoxrin euro u seba’ u tletin ċentezmu (€2329.37) u li sar għad-dannu ta’ Joseph Borg Bonaci u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra;

Lil **-omissis-** wahdu nakkuzawh:

2. -omissis-;

3. -omissis-;

4. -omissis-;

5. -omissis-;

Lil **-omissis-** wahdu nakkuzawh:

6. -omissis-;

7. -omissis-;

Lil **-omissis-** u **Josephine Alsulayman** wahidhom nakkuzawhom:

8. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrendew ruhhom ricedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta tal-persuni fuq indikati."

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat u qieset l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi fis-seduta tal-lum 11 ta' Awissu 2022 l-imputata irregistrat ammissjoni.

Rat illi l-imputata regghet kkonfermat l-ammissjoni taghha minkejja li l-Qorti taghtha zmien ragjonevoli sabiex tirrikonsidra l-istess.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti**

Illi l-Pulizija rceviet rapport dwar serq illi allegatament sehh mis-sit ta' kostruzzjoni msemmi u wara investigazzjonijiet dwar l-istess ressqet lill-imputata u lil terzi li giet akkuzata bir-reati indikati.

Illi l-imputata giet akkuzata illi (1) talli nhar is-17 t'April 2022 minn ġewwa sit ta' kostruzzjoni li jinsab sitwat ġewwa Triq il-Kapuċċini, Kalkara ikkommettiet serq ta' oġġetti, aggravat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' u għoxrin euro u seba' u tletin ċentezmu (€2329.37) għad-dannu ta' Joseph Borg Bonaci u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra; u (2) Talli irrendiet ruhha ricediva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghalkemm fl-ewwel seduta l-imputata iddikjarat li mhix hatja, fis-seduta tal-lum l-imputata Josephine Alsulayman rregistrat ammissjoni.

Illi ai termini tal-Art. 392A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti wissiet lill-imputata b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni taghha u tagħtha ftit taż-żmien biex terġa’ lura minnha. Wara li l-kawża ġiet posposta sabiex l-imputata tikkonsulta mal-avukat taghha u wara li l-kawża reġgħet issejħet l-imputata ikkonfermat għal darb’ oħra l-istess ammissjoni.

Illli l-Qorti għalhekk irreġistrat l-ammissjoni tal-imputat fil-verbal tas-seduta tal-lum.

Illi l-Qorti ghaddiet sabiex tisma’ s-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ghalkemm fl-ewwel seduta ddikjarat li mhux hatja, fis-seduta tal-lum irregistrat ammissjoni.

Illi in vista tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata fuq l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Il-Qorti, ghalhekk qeghda issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti qed tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt illi l-imputata ammettiet l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, anke jekk f'dan l-istadju xejn bikri tal-proceduri stante li l-proceduri jinstabu fl-istadju tal-provi difiza.

Il-Qorti qed tiehu in kunsiderazzjoni wkoll il-fedina penali tal-imputata minn liema jirrizulta li din ma hiex l-ewwel darba li l-imputata xellfet difrejha mal-gustizzja. Jirrizulta wkoll illi l-imputata inghatat diversi opportunitajiet sabiex tirrijabilita ruhha mill-hajja refrattarja taghha izda ma gharfitx tisfrutta l-istess tant li baqghet jippersisti fl-istess hajja.

Illi konsegwentament il-Qorti tqis illi, f'dan il-kaz il-Qorti ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

**Deċide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261 (c), 267, 279 (a), 289, 579 (1) u 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet

ta’ Malta, il-Qorti filwaqt illi ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, l-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputata ghall-piena ta’ sena prigunerija effettiva.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur